A.L. 68 ta' l-1989

ORDINANZA DWAR IT-THARIS MILL-MARD, KAP. 36

Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti tas-Saħħa għall-Portijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 50 ta' l-Ordinanza dwar it-Tharis mill-Mard, il-Ministru tal-Politika Soċjali, fuq il-parir tal-Kunsill tas-Saħħa, u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti tas-Saħħa għall-Portijiet, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tas-Saħħa għall-Portijiet, 1946, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

G.N. 622 ta' l-1946.

Sostituzzjoni tat-Tieni Skeda tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok it-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"IT-TIENI SKEDA

Regolament 13D

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
Tunnellaġġ Nett	Drittijiet Lm c m
Sa 1,000 tunnellata	10.00,0
'Il fuq minn 1,000 sa 3,000 tunnellata	15.00,0
'Il fuq minn 3,000 sa 10,000 tunnellata	20.00,0
'Il fuq minn 10,000 sa 20,000 tunnellata	30.00,0
'Il fuq minn 20,000 sa 50,000 tunnellata	35.00,0
'Il fuq minn 50,000 tunnellata	45.00,0.".